MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Numru. 760/2001

**IL-PULIZIJA**
**SUPRETENDENT RAYMOND ZAMMIT**
**SPETTUR MARIO BONELLO**

**KONTRA**

**CARMELO (CARMELO ANTONIO) BIANCO, bin Joseph u Pia Camilla nee' Zammit, imwieled Birkirkara nhar il-25.01.1968, residenti fil-fond Flat 4, Highway Flats, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 44368M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Carmelo (Carmelo Antonio) Bianco** li gie akkuzat talli nhar il-21.11.2001, u matul ix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe':

Talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, obbligi, disposizzjonijiet jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza;

U aktar talli ghamel falsifikazzjoni ohra, u xjentement ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat;

U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi nqeda b'qerq iehor, jew ingann, ghamel qliegh bil-hsara tal-Gvern ta' Malta;

U aktar talli f'Birkirkara, fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala direttur tal-Western Company Limited, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, fetah jew zamm hanut ghax-xoghol (dealer tal-karozzi) jew hadem jew sengha, illi setghu jdejqu lill-girien.

U aktar talli f'Birkirkara fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala direttur tal-Western Company Limited, fetah u zamm hanut ghall-bejgh tal-karozzi u ezercita l-istess mistier minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli bhala sid il-vettura BAO384, naqas milli jara u jiehu hsieb illi l-istess vettura tkun dejjem u kull hin b'licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli bhala l-persuna li kellu taht il-kontroll tieghu vettura DBC352, naqas milli jzomm il-licenzja tal-vettura l-hin kollu fi stat li l-kontenut taghha jinqara facilment;

U aktar talli kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fl-20.06.2001, skond l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 ghall-perjodu ta’ sitt xhur.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghall-istess; kif ukoll illi wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Xehed is-Suprtendent Raymond Zammit dwar il-problema li Birkirkara kellu bid-dealers tal-karozzi. Qal illi kien hemm garaxx tal-imputat gewwa Triq Santa Marija li kien mimli bil-karozzi, pero ma kinx registrat bhala dealer tal-karozzi. Qal illi l-imputat kellu licenzja ta’ dealer pero din kienet f’zona ohra tal-Hamrun, mhux fuq il-fond imsemmi gewwa Birkirkara. Qal anke li kien ittowwja diversi vetturi li sab fit-triq li kienu tal-imputat, pero ma kinux licenzjati fuqu. Qal illi fil-fatt l-imputat kien hallas mijiet kbar f’licenzji u kien tah il-vetturi lura.

Xehed fuq vettura DAE802 li kellha licenzja f’April 2001 (Dok RZ) u fuq vettura DBC352 li ghalih kellha licenzja mbghabsa (maqtugha) Dok RZ1 (folio 20). Ezebixxa wkoll dokumenti ta’ negozju li sar ma’ certu Sammy Grima fuq vettura LCC365 Suzuki mill-fond ta’ Birkirkara, li ma kinx appozitament registrat, Dok RZ3, folio 22; u dokumenti ohra bl-indirizz in kwistjoni.

L-Ispettur Mario Bonello wkoll xehed dwar din l-ispezzjoni li saret ghand l-imputat, u dwar licenzja fuq vettura li kienet tghajjat lilu li kienet skadiet is-sena ta’ qabel; u dwar licenzja ohra li kienet instabet fuq karozza li ghalkemm ma kinitx tidher tal-imputat, pero skondtu kienet tieghu. Ezebixxa l-istqarrija rilaxxata minn Bianco, Dok CB (folio 40). Hawn ikkonferma d-dokumenti kollha li gew elevati lilu mill-garaxx fond bin-numru 38, St Mary

Street, Birkirkara. Qal illi dan il-fond hu kien biss juzah bhala ufficju.
Dwar is-sbatax-il vettura misjuba f'dan il-garaxx, wiegeb illi dawn ma kinux kollha tieghu imma li whud minnhom kienu on consignment.

Minn naha tieghu Brian Farrugia, f'isem id-Dipartiment tat-Testing and Licensing (dak iz-zmien) xehed dwar il-vettura DBC352 li kienet tghajjat lil certu Raphael Baldacchino u li kienet ilha tghajjat lilu minn Mejju 2000.

Rigward il-vettura DAE802 xehed illi din kienet Honda u li kienet tghajjat lil Charles Bianco mill-1999.

Qal illi kien jirrizultalhom li l-imputat kellu licenzja ta' dealer tal-karozzi fuq il-kumpanija Western Company Limited, il-Hamrun.

Dwar il-vettura DAE802 qal illi din kienet skadiet f'April 2000, u kienet ghadha hekk skaduta. Meta gie muri l-licenzja ezebita bhala Dok RZ, Brian Farrugia spjega li licenzja (dak iz-zmien) kienet tkun hadra u li ma kinitx tibjad bix-xemx. Qatt ma kien ra licenzja bajda, bhal dik ezebita.
Dwar id-dokument RZ1, spjega li din il-licenzja, ghalkemm ta' kulur tajjeb, kellha bicca minnha nieqsa, cioe' s-sena.

Is-Supretendent Angelo Baldacchino ezebixxa sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tal-imputat Carmelo Bianco.

Minn naha tieghu Sammy Grima xehed illi hu kien xtara karozza mill-Hamrun minghand l-imputat. Fuq din qal illi ma kellu problemi ta' xejn.

Louay Ramadan minn naha tieghu xehed illi f'Marzu 1999 kien xtara vettura minghand l-imputat li qatt ma sar it-transfer taghha fuqu, gialadarba l-imputat kien rega', b'certu forza, ha l-pussess tal-istess vettura. Ezebixxa sensiela ta' fotokopji ta' korrispondenza legali dwar dan il-fatt.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, xehed l-imputat minn jeddu. Ezebixxa hu, stqarrija ohra rilaxxata lill-pulizija, Dok CBa. Spjega li hu kien dealer u importatur tal-karozzi, u li kellu showroom il-Hamrun u garaxxijiet fl-akkwati ta' Birkirkara, disa' garaxxijiet kbar, fosthom dak ta' St Mary Street, Birkirkara. Qal illi vettura li tkun mibjugha ma kinitx tinzamm gewwa x-showroom tal-Hamrun, imma fil-garaxxijiet; u li kienet tingabar u tittiehed minn hemm. Qal ukoll illi f'kull garaxx partikolari kien izomm ir-records ta' kull vettura in kwistjoni. Qal illi hu kien jopera mill-Hamrun. Qal illi anke kien talab extension tat-Trade fuq il-garaxxijiet, pero kienu tawh risposta fin-negattiv. Ezebixxa d-dokument CBb li juri l-VAT number u l-permess minn fejn jopera.

Rega' qal illi l-garaxx ta' Birkirkara kien jigi utilizzat biex jitqieghdu fih il-karozzi mibjugha u li l-klijenti kienu jigbru l-karozzi minn hemm. Anke hemm kienu jitwahhlu l-pjanci u l-licenzji. Qal illi kien jintuza dan il-garaxx bhala store tal-karozzi.
Waqt l-arrest spjega li l-pulizija lilu kienu hadulu kollox, files u vetturi.
Dwar il-licenzja DAE802 innega li hu kien iffalsifika din il-licenzja.

Qal illi biex jigu rilaxxati l-vetturi huwa kien hallas somma sostanzjali ta' flus (towage).

Ammetta li kien hemm vetturi li kellhom licenzja skaduta, pero xehed illi dawn xorta kienu nxurjati. Qal illi l-vettura DBC352 kellha licenzja mhallsa f'April 2001 u 2002, anzi xehed illi l-licenzji taghha thallsu f'April 2002, Dok CBh, CBi.

Dwar il-licenzja mbaghbsa qal illi din il-vettura kienet inbieghet lil certu wiehed Reeds.

Dwar il-vettura DAE802 u l-falsifikazzjoni tal-licenzja, xehed illi din kienet mibjugha lil Reeds u li kellha l-licenzja mhallsa; anke li kienet fuq ismu. Qal illi dan Reeds kein abbandunaha u li ma baqax ihallasha, u li hu kien mar ghaliha b'low truck.

Qal illi hu ma kellux ghalfejn ibaghbas licenzji ta’ karozzi, considerando li f’sena kien ihallas Lm10,000.00 f’licenzji ta’ karozzi. Qal illi dan ma kinx jaghmlu kemm minhabba l-accounts, kif ukoll minhabba r-Regulation 25. Anzi zied illi hu kien ihallas licenzja ta’ trial run li facilment seta’ uza fuq din il-vettura biex juri kemm ma kellux ghalfejn ibaghbas licenzji.

Dwar l-uzu tal-garaxx ta’ Birkirkara, in kontro ezami ammetta li gieli kien hemm vetturi hemm li kien ikollhom imwahhal for sale, dan pero spjega li kien isir biss ghaliex kienu jibqghu bit-tag darba li johduhom hemm, Birkirkara, mix-showroom. Insista li l-fond ta’ Birkirkara kien jintuza bhala store. Innega li l-vetturi li kellu fit-triq, kellhom fuqhom “for sale”.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet ezebiti.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel akkuza li l-imputat Bianco hu addebitat biha hija dik li ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku (ergo licenzja tal-vettura), jew tibdil fl-iskrittura; fit-tieni u t-tielet akkuza li ghamel uzu minn tali att.

Issa certament fil-pussess ta’ Bianco nstabet licenzja tal-vettura, wahda falza, cioe’ d-dokument RZ u ohra alterata RZ1 – dawn instabu fuq vetturi li kienu fil-pussess ta’ Bianco.

Issa l-akkuza tal-falsifikazzjoni ggib maghha biex treggi x-xjenza ta’ tali falsifikazzjoni, xjenza da parti tal-akkuzat. Spjega l-akkuzat fil-konfront tad-dokument RZ illi l-vettura DAE802 kien bieghha lil certu Reeds, u li kien aktar tard rega’ rriprenda l-pussess taghha meta baqa’ ma sarx it-transfer taghha fuq ix-xerrej Reeds li kien prezunt mahrub. Ghalhekk ma ngabet ebda prova li fil-fatt kien l-imputat li kien iffalsifika l-istess licenzja.

Pero in kwantu l-imputat kien baqa’ responsabbli ghall-vettura de quo, li allura kienet tghajjat lilu (vide xhieda ta’

Brian Farrugia), kien responsabbli ghall-uzu tal-licenzja kif misjuba fuq il-vettura DAE802, vide xhieda ta’ Raymond Zammit.

Issa fir-rigward tal-vettura DBC352, verament din kienet tghajjat lil certu Raphael Baldacchino, pero anke din kienet fil-pussess ta’ l-imputat, ghall-bejgh b’dokument ghal kollox alterat, Dok RZ1.

Lanqas ma ngabet prova soda tal-fatt illi l-imputat kien qieghed jopera l-fond garaxx ta’ Birkirkara biex minnu jbiegh il-karozzi. Ta spjegazzjoni ghala dawk il-vetturi hemm misjuba kienu f’dak il-fond u baqa’ nsistenti li n-negozju tieghu kien jiggestieh mill-fond tal-Hamrun li kien appozitament licenzjat.

Illi tenut dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija ai termini tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu ghall-uzu ta’ dokument falz, anke ghax bla dubbju ta’ xejn il-qerq u l-falsita’ tad-dokumenti RZ u RZ1, ma jistghu qatt ikunu in kontestazzjoni. Daqstant issib htija in kwantu ghall-istat li fiha kienet tinstab il-licenzja Dok RZ1, u dan wara li rat LS65.11 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tilliberah mill-kumplament tal-akkuzi lilu addebitati taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu ma jirrizultawx, u taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta (vettura BAO384) in kwantu mhux pruvata.

Rat ukoll is-sentenza ezebita a folio 88, Dok MB, u qieghda ssib ksur taht il-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, qieghda tikkundanna lill-imputat ghal multa ta’ €233; u tilliberah taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien 3 snin, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------